# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 993

KAZ NRU. 1146

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Christopher Azzopardi

u

Frank Schembri u C & F
Building Contractors

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Data : 26 ta' Novembru 1998

**Chairman : Is-Sur Alphonse Caruana**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Harsien Socjali permezz ta' ittra datata 10 ta' Gunju, 1997 Ref. MHS/TI/41/97 biex tigi processata skond il-Provvedimenti ta' l-Artiklu 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm sbatax (17)-il seduta.

Is-sur Christopher Azzopardi aktar 'il quddiem jissejjah l-appellant kien assistit mill-avukat Karmenu Mifsud Bonnici.

Is-sur Frank Schembri, Direttur ta' C & F Building Contractors kien assistit mill-avukat Kenneth Grima aktar 'il quddiem jissejjah il-kumpanija.

**Xhieda :**

| | | |
|---|---|---|
| Christopher Azzopardi | - | l-appellant |
| Frank Schembri | - | Direttur |
| Ray Attard Previ | - | Physiotherapist |
| Raymond Gatt | - | Tabib |
| John Vella | - | Insurance Inspector, impjegat tal-kumpanija. |

**Dokumenti :**

Tul is-smigh tal-kaz gew prezentati s-segwenti dokumenti.

(i) Certifikat mediku minn Dr. Raymond Gatt M.D. Orthopaedic Surgeon (bla data);

(ii) Certifikat mediku mahrug minn Dr. Raymond Gatt M.D. Orthopaedic Surgeon datat 21 ta' Marzu 1997;

(iii) Dokument tal-Middle Sea Insurance Co Ltd;

(iv) Foto kopja tal-E.T.C.

**Il-Meritu tal-Kaz**

L-appellant kien impjegat mas-Socjeta' attrici bhala *Steel Fixer/Shutter.* Fil-25 ta' Frar 1997 kien qed jahdem fuq il-lant tad-Dar tax-xjuh f'Bormla, flimkien ma' haddiema ohra fejn kien imqabbad ihott saqaf ta' bini qadim. Waqt li kien

inehhi t-torba u x-xorok, inqasam xriek, u waqa' ghal isfel, gholi ta' madwar sular u nofs. Ittiehed l-isptar u ghamel zmien taht kura medika. Fl-ahhar ta' Marzu, 1997, l-impjieg tieghu gie terminat hesrem minhabba l-korriment li kien garrab.

Il-kumpanija fl-istatement of case taghha tghid illi l-appellant ma spiccax mix-xoghol ghax wegga', izda ghax meta fieq hu wkoll mar jirraporta ghax-xoghol minn rajh, ma riedx jaghmel ix-xoghol li ordnalu l-Managing Director tal-kumpanija. L-appellant irid ikompli fuq is-sit tax-xoghol fejn kien meta korra izda l-kumpanija kellha bzonnu fil-fabbrika Hal Far, fejn kien dahal originarjament mas-Socjeta', izda ma riedx jahdem hemm. Din kienet ir-raguni li tkecca, li ma riedx jahdem fejn kellha bzonnu l-kumpanija.

**Kunsiderazzjonijiet :**

Is-sur Frank Schembri, Direttur tal-kumpanija xehed li wara li l-appellant kien fieq mill-korriment kien qallu biex jibda x-xoghol Hal Far fix-xoghol li kellu. L-appellant qallu li Hal Far ma ghandux biex jitla'. Qallu li jekk ma ghandux biex jitla', xoghol ghalieh ma ghandux. Qal li kien talbu biex jerga' jibghatu fix-xoghol ta' Bormla, izda riedu jahdem f'Hal Far. Qal ukoll li l-appellant kien qallu li "Hal Far ma nigix" u l-imghallem qallu "mela jekk ma tigix Hal Far tista' ma tigix izjed". Mistoqsi jafx id-data ta' meta kien korra qal li ma jiftakarx imma qal li kien dam minghalieh rikoverat xi gimghatejn jew tlieta.

Qal ukoll li kien mar ghandu wara xi xahar li kien spicca u talbu jekk jistghax jibda fl-impjieg u kien anke cempillu u

staqsieh jekk iridux jitla' Hal Far. Kien irrispondieh li issa ma jridx jerga' jimpjegah.

L-appellant fix-xhieda tieghu qal li l-imghallem kien cempillu u qallu biex imur Hal Far biex isuq bhala *driver* izda meta mar kien qallu biex imur fil-*plant* fejn kien meta kien beda jahdem mieghu. Qallu biex jorbot il-hadid, l-appellant qal li qallu li hu mugugh u mhux tajjeb biex joqghod f'dak ix-xoghol. Qal li kien xtaq li kif jigi f'sahhtu kien lest li jerga' jahdem mieghu ghax ma kienx imdejjaq mieghu. Ghamel hames xhur imwegga', apparti x-xahar li kien thallas tieghu. Mistoqsi kemm-il darba mar ghand il-professur irrisponda li kien rah darbtejn. Is-sur Schembri qabbadlu Professur, hu kien mar ghandu n-Naxxar u wara li nvistah kien ghamillu certifikat ghal gimghatejn u qallu li jekk jibqa' mugugh jerga' jmur biex jinvistah. Meta kien mar biex jaghti c-certifikat lill-imghallem, is-sur Schembri, wara li ra c-certifikat, qallu "ara illum il-gimgha, tiginix aktar hawnhekk u waqqafni".

Is-sur Ray Attard Previ, fizjoterapista xehed li kien invista lill-appellant fil-klinika n-Naxxar, kien ghamillu certifikat peress li meta kien mar ghandu, kien qed ibati b'xi ugiegh, li skond kif qallu, kien waqa'.

It-tabib Raymond Gatt xehed li hu ezamina lill-appellant fil-21 ta' Marzu, 1997. Xi xahar qabel ma invistah kien qed jahdem fuq xi xorok u sfrundaw bih u waqa' ghan-naha tal-lemin ta' sidru. Ghalkemm ma sablu xejn klinikament, pero' mill-istorja li qallu kien kompatibbli li sofra griehi fil-laham ta' sidru. Mistoqsi jekk kienx tajjeb, setax isuq karozza qal li iva seta' jsuq fil-kundizzjoni li kien.

Is-sur John Vella, Insurance Supervisor jahdem mal-kumpanija xehed li l-appellant kien gab karta bid-dettalji tieghu personali li kien fiha Section dwar l-incident tal-korriment fejn flimkien imlewha, biex jehodha mieghu d-dipartiment koncernat. Fl-intervall, l-appellant kien imur ghall-paga, darba minnhom kien hemm l-imghallem is-sur Schembri u staqsieh kif inhu, wiegbu li ghadu mugugh fejn qallu ejja hawnhemm insiblek xoghol hafif fil-*plant* stess, mhux fl-ufficcju. L-appellant qallu qabel ma jhossu tajjeb ma jmurx u wara jerga' jmur fejn kien. Wara li ma accettax dak li qallu l-imghallem, ix-xhud dak il-hin stess imlielu l-karta tat-*termination* tal-E.T.C.

L-appellant jixhed ghal darba'ohra, cahad li qal lill-imghallem li ried imur fejn kien meta kien mistoqsi mid-difensur tal-kumpanija. Mistoqsi ghaliex iffirma d-dokument tal-E.T.C. irrisponda, "le ghax keccieni, x'naghmel allura jien?" Sostna li kien waqqfu meta kien mar bic-certifikat ta' l-ispecjalista tieghu stess.

**Trattazzjoni Finali u Konkluzzjoni**

Il-kumpanija qalet li dan hu pjuttost kaz semplici, kellha haddiem li korra fuq ix-xoghol, saru l-affarijiet kollha biex jiehu dak li ghandu jiehu minghand is-*Social Security*, kien qed thallsu l-kumpanija, sarlu rapport ghal *claim* ma l-*insurance*, kull hmistax kien imur biex jircievi l-paga u kien jipprezenta certifikat li kien ghad fadallu biex jerga' jibda fix-xoghol li kellu. L-imghallem darba minnhom meta kien rah fil-post qallu jekk jistax jaghmel *light duties*, l-appellant irrisponda li jista' jaghmel *light duties.*

Il-kumpanija qalet li l-appellant qed jghid li hu lest li jahdem. Ic-certifikat li ghandu hu li ma jistax jaghmel *strenuous work.* L-appellant accetta li jaghmel xi qadja izda wara nofs siegha jistenna kif qallu l-imghallem staqsieh jekk hux sejjer jinghata *light duties* jew le, ghax qallu li jiddejjaq jistenna.

Il-kumpanija argumentat illi l-appellant tkecca fl-ahhar ta' Marzu meta c-certifikat ta' Dr. Gatt hareg fil-21 ta' Marzu, 1997.

Gimgha wara ziedet tghid il-kumpanija mar ghal paga u fil-prezenza ta' John Vella qal lill-imghallem li jista' jahdem. L-imghallem qallu - "ghandi bzonnok hawn." L-appellant qallu li hu ried imur Bormla. Meta l-imghallem qallu li hu Bormla m'ghandux bzonnu, l-appellant talbu jaghmel il-karti ghax ma hux ser jahdem aktar hawn.

Id-difensur tal-appellant qal li l-kumpanija fl-istatement of case qed jinghad li r-raguni li tkecca, ghax ma riedx jahdem fejn kella bzonnu l-kumpanija, u b'hekk it-tkeccija tieghu kienet gustifikata. Sostna li mhux telaq hu izda keccietu l-kumpanija. Fic-certifikat tal-*Employment and Training Corporation* li hu esebit u fffirmat mill-employer stess hemm imnizzel nuqqas ta' xoghol, mhux kif qed tghid il-kumpanija li tkecca ghax ma hadimx.

L-appellant isostni li din id-divergenza ghax jidher illi meta l-employer gie konfrontat bit-talba tal-imputat u l-kontestazzjoni li kien ser jikkontestalu d-decizjoni tat-tkeccija, biddel id-decizjoni u hareg b'din l-iskuza quddiem it-Tribunal.

Il-korriment sar fil-25 ta' Frar, 1997 u tkecca fl-ahhar ta' Marzu, 1997. Kien ghadu jsofri mill-korriment, m'hemmx dubju li ma setax jaghmel ix-xoghol li tah l-*employer*. Meta hu oggezzjona ghax-xoghol li tah l-*employer*, kien l-*employer* li keccieh u mhux li l-appellant telaq.

It-Tribunal jinnota li fil-kaz in kwistjoni kien mehtieg qabel xejn li jigi assigurat bl-aktar attenzjoni kif u fejn kien qieghed jahdem l-appellant. Li haddiem jaqa' waqt ix-xoghol minn gholi ta' aktar minn sular, dejjem kif intqal quddiem it-Tribunal, meta kien qed ihott f'bini antik fejn inqasam xriek u waqa' ghal isfel, jidher car li ma kienx hemm dawk il-protezzjonijiet mehtiega biex jaghmlu tajjeb ghal kull eventwalita' li tista' tirrikorri waqt xoghol bhal dan.

Li haddiem isib ruhu fi trawma bhal din li b'xorti tajba ma garrabx affarijiet ta' natura gravi u permanenti, zgur li att ta' tkeccija ghandu jkun kif dejjem hu suppost kunsidrat mhux biss bhala l-ahhar pass li ghandu jittiehed izda ghandhom ukoll jigu kkunsidrati l-fatti kollha ta' kif sehh il-kaz.

**<u>Decizjoni :</u>**

Wara li t-Tribunal ra u kkunsidra l-istatement of case tal-partijiet, ra u ezamina d-dokumenti esebiti, sema' x-xhieda prodotti, kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u l-osservazzjonijiet addizzjonali, isib illi t-tkeccija tal-impjieg tal-appellant ma kinitx gusta u ghaldaqstant ghandu jinghata kumpens ta' elf hames mija u sittin liri Maltin (Lm1,560).

Dan il-kumpens ghandu jsir mhux aktar minn hmistax-il gurnata konsekuttiva mid-data tad-decizjoni.

Ghall-finijiet tal-Avviz Legali Numru 48 tal-1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista fl-ammont ta' erbghin liri Maltin (Lm40).

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Alphonse Caruana
**CHAIRMAN**

**Joyce Agius**
**A/SEGRETARJU**

mrg